**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 2/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Michael Azzopardi**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellat **Michael Azzopardi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 730558(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. assoċja ruħu ma' xi persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jesporta l-ammont ta' aktar minn 100,000 skartoċċ 12 gauge fil-Libja mingħajr liċenzja għall-esportazzjoni tal-istess skrataċ;

[1] *A fol.* 1 u 10.

2. filwaqt li għandu liċenzja maħruġa taħt l-Att dwar l-Armi bħala negozjant, naqas li jżomm reġistru b'inventarju ta' kull arma tan-nar u munizzjon u ta' kull darba li jirċievi jew ineħħi, taħt liema titolu jkun, xi arma tan-nar jew munizzjon għal-liema raġuni tkun, hu kien obbligat iniżżel dan il-fatt billi jispecifika:

   (a) l-isem, il-kunjom, in-numru tal-karta ta' l-identita', x'ikun ix-xogħol u l-post ta' residenza tal-persuna li minn għandha jkun irċieva l-armi regolari jew munizzjon jew lil min dawn ikunu ser jiġu kkunsinnati;

   (b) l-għadd jew il-kwantita' ta' armi regolari jew munizzjon u d-data meta jirċevihom jew ineħħihom;

   (ċ) in-numru tal-liċenzja li jkollha l-persuna li lilha jiġu trasferiti l-arma regolari jew il-munizzjon;

3. bħala negozjant, trasferixxa jew ikkunsinna taħt kwalunkwe titolu li jkun, munizzjon lil xi persuna li ma kellhiex liċenzja tal-Kummissarju għal dik l-arma regolari jew munizzjon skond l-Att dwar l-Armi;

4. ħażen jew żamm għandu ammont ta' aktar minn tnax-il elf balla bħala munizzjon, bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-liċenzja tiegħu ta' negozjant tal-armi u munizzjon;

5. bħala ċittadin Malti għamel negozju ma' entitajiet inkorporati fil-Jamaħirija Għarbija Libjana, jew li jkunu suġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Jamaħirija Għarbija Libjana, u ma' persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq ordni tagħhom, u ma' entitajiet li jkunu jappartjenu lilhom jew huma kontrollati minnhom, meta seta' ikun jaf jew issusspetta li dak in-negozju seta' jikkontribwixxi għall-vjolenza u għall-użu tal-forza kontra l-popolazzjoni ċivili;

6. biegħ, ipprovda jew għamel trasferiment, direttament jew indirettament lill-Jamaħirija Għarbija Libjana minn Malta, jew

bħala ċittadin Malti, jew billi uża bastimenti jew inġenji tal-ajru reġistrati taħt il-bandiera ta' Malta, kemm jekk joriġinaw mit-territorju Malti u kemm jekk le, armi u tagħmir relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u *spare parts* għalihom;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li jogħġobha tordna r-revoka tal-liċenzji li l-imputat għandu taħt Kapitolu 480 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 480.02 *ai sensi* ta' Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Diċembru 2017, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u ċioè Artikolu 48A tal-Kapitolu 9, Artikoli 5(2), 15, 20 u 51(4) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avviż Legali 206/2015 u Artikolu 34(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 480.02, ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif addebitati fil-konfront tiegħu b'eċċezzjoni għat-tieni (2) imputazzjoni li sabitu ħati tagħha. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti filwaqt li lliberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha salv għat-tieni (2) imputazzjoni kkundannatu multa ta' elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69). L-Ewwel Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jieħu ħsieb jiġbor il-multa nflitta u b'riferenza għat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-ħatra tal-esperti, l-Ewwel Qorti rrilevat li l-imputazzjoni li l-imputat instab ħati tagħha ma rrikjedietx il-ħatra ta' esperti u li dawn ġew nominati minħabba l-imputazzjonijiet l-oħra li minnhom l-imputat ġie liberat u għaldaqstant ma laqgħetx it-talba tal-Prosekuzzjoni biex iħallas l-ispejjeż tal-esperti.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ippreżentat fit-2 ta' Jannar 2018 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "***tirriforma*** *s-sentenza appellata billi: 1.* ***Tikkonfermaha*** *f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat*

*Michael Azzopardi ħati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u 2.* ***Tħassarha u tirrevokha*** *f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Michael Azzopardi mhux ħati tal-ewwel (1), it-tielet (3), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni dedotti kontra tiegħu u wara li tisma dan l-appell, u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellat Michael Azzopardi ħati ta' l imputazzjonijiet hawn enumerati miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi, kif ukoll tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-ħatra tal-esperti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan l-appell l-appellant huwa l-Avukat Ġenerali. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel ri-assunt ta' dak li wassal sabiex l-appellat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti f'dan il-każ.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fl-4 ta' Awwissu 2012 u fil-jiem ta' wara ċertu Khalil Sadeh Harrus ċempel lill-appellat sabiex jixtri minn għandu

kunsinna ta' skratacc u wara xi negozjati kienu waslu għall-ammont ta' 112,500 skartoċċ.

- Il-valur tal-kunsinna maqbula bejn il-partijiet kienet dik ta' €38,900 hekk kif jidher fl-irċevuta (Dok. "GM 2"" – *fol.* 40) maħruġa mill-appellat.

- L-appellat ġie kkuntattjat minn persuna oħra u kien ftiehem li kien ser iwassal l-iskrataċ huwa għand il-burdnar.

- L-appellat ġarr l-iskrataċ għand il-burdnar f'żewġ kunsinni: l-ewwel kunsinna saret fis-7 ta' Awwissu 2012 waqt li t-tieni kunsinna saret fit-8 ta' Awwissu 2012.

- Fl-14 ta' Awwissu 2012 l-iSpetturi tad-Dwana rċevew rapport li kunsinna ta' skrataċ kienet ser tiġi *cover-loaded* b'xi xorb sabiex tiġi esportata għal Libja u mill-investigazzjoni li għamlu l-iSpetturi tad-Dwana sabu l-iskrataċ in kwistjoni.

- Kienet saret Inkjesta Maġisterjali fejn ġew appuntati, fost l-oħrajn, il-Brigadier Maurice Calleja u PS 263 Christopher Harmsworth bħala Esperti Ballistiċi. Dawn eżaminaw il-munizzjon li kien moħbi ġo *pallets* fil-J&T Transport, tal-Ħandaq. Meta nfetħu xi *pallets* kien evidenti li f'nofs il-*pallets* kien hemm kaxxi bl-iskrataċ tal-kaċċa. Kull kaxxa kellha 250 skartoċċ u b'kollox instabu 107,526 skartoċċ.[2]

- Minn Dok. "SPA 1" intitolat "Customs Entry" (*a fol.* 75) jirriżulta li fost affarijiet oħra nstabu 107,525 skartoċċ.

- **Ian Muscat** (*Senior Inspector* fid-Dwana – *a fol.* 31 *et seq.*) xehed li ġie mitlub jinvestiga rapport rigward ammont ta' skrataċ li kienu ħa jkunu *cover-loaded* b'xi xorb u li kellhom jiġu esportati lejn il-Libja. Jgħid li ma kienx hemm *export documents* għal dawn l-affarijiet għal-Libja. Jgħid li wara marru d-Dwana u sabu li kienet daħlet *Export Declaration*

[2] Ara Dok. "BMC 1" – *a fol.* 26 *et seq.*.

għal-Libja u din kienet għal xorb u *toiletries* u li meta bdew jeżaminaw il-*pallets*, wara r-Red Bull tfaċċaw il-kaxxi bl-iskrataċ.

- Fuq l-istess linji xehed **Mario Galea** (Spettur Anzjan tad-Dwana – *a fol.* 34 *et seq.*). Huwa wkoll kien aċċeda fil-bitħa tal-burdnar J&T Transport u sab *container* li kien qed jitgħabba biex jiġi ttrasportat għal-Libja u li f'nofs il-kaxxi tar-Red Bull kien hemm l-iskrataċ.

- **Lieutenant Matthew Sant** (*a fol.* 41 *et seq.*) xehed li l-iskrataċ kienu fil-kustodja tal-Forzi Armati u nħarġu mill-fortizza tal-Mosta.

- Il-burdnar li ttieħdu għandu l-iskrataċ kien **John Abela** li meta xehed (*a fol.* 71 *et seq.*) qal li Mark Agius kien ħadlu 20 *pallet* Red Bull u wara kien talbu jekk joqgħodux tliets *pallets* oħra u huwa kien ikkonferma. Jgħid li meta nduna li dawn kienu skrataċ, huwa talab lil Mark Agius sabiex jeħodhom. Saħansitra jgħid li hedded li sejjer jitfa' l-merkanzija fit-triq. Din il-merkanzija nġabret mill-burdnar J&T Transport.

- **Vincent Ciliberti** ppreżenta r-relazzjoni (Dok. "CV 1" – *a fol.* 93) li l-Maġistrat Inkwirenti kien talbu jħejji. F'din ir-relazzjoni hemm ritratt tar-Red Bull u moħbi wara l-*cans* tar-Red Bull jidhru l-kaxxi bl-iskrataċ. Jidhru wkoll *shrink wraps* fl-*iskips*.

- Meta xehed **Mark Agius** (*a fol.* 99 *et seq.*) ngħad li kien ko-akkużat u li seta' jixhed għaliex il-każ tiegħu kien deċiż. Jgħid li l-familja tiegħu tesporta x-xogħol permezz ta' Agius Services Limited u din tinsab Għawdex. Jgħid li kellhom klijent Libjan bl-isem ta' Khalil u ħadulu x-xogħol fil-bitħa ta' Abela Brothers. Minn għandu Khalil kien xtara Red Bull u xi *toiletries*. Jgħid li l-appellat kien staqsieh fejn kien ser jieħu x-xogħol ta' wieħed Khalil u kien tah in-numru tal-burdnar. Jgħid li huwa kien mar iħaIllas lill-appellat bil-flus li kien tah

Khalil u li huwa kien daħal fil-garaxx fejn l-appellat kellu s-*soft drinks*. Jixhed li wara marru għand Abela u Abela rrifjuta li jgħabbi x-xogħol minħabba li kien hemm l-iskratać b'dan illi l-appellat kien diġa' ħa l-iskratać għand Abela. Jgħid li hu (Agius) kien ikkuntattja burdnar ieħor u qallu biex imur jiġborhom minn għand Abela. Huwa tah l-istruzzjonijiet li kien ta lilu l-Għarbi sabiex jgħabbi l-iskratać fuq in-naħa ta' wara u r-Red Bull fuq in-naħa ta' barra. Jgħid li waslu tad-Dwana u qalulhom li l-iskratać ma kinux iddikjarati. Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kienx involut fix-xiri li sar bejn Khalil u l-appellat. Jgħid li huwa kien għadda l-pagament ta' Khalil lill-appellat u li l-appellat kien kellem lil Khalil u qallu li l-flus kienu għandu (għand Azzopardi).

- Il-burdnar **Joseph Zammit** (*a fol.* 159 *et seq.*) li flimkien ma' ħuh huma s-sidien ta' J&T Transport jgħid li fit-13 ta' Awwissu 2012 ġie kkuntattjat minn Mark Agius li kien qallu li minbarra r-Red Bull kellu xi xogħol mhux dikjarat li ried imur il-Libja. Jispjega wkoll li kien Mark Agius li qallu kif jgħabbi x-xogħol.

- **Khalil Sadeh Harrus** (*a fol.* 235 *et seq.*) qal li kien xtara r-Red Bull u affarjiet oħra minn għand Mark Agius u li meta sar dan in-negozju, huwa kien il-Libja. Jgħid li Mark Agius kien xtara l-iskratać minn għand l-appellat. Lil Mark Agius kien qallu biex jixtri kollox bis-sewwa. Fil-fatt il-ħlas kien tela' għal €38,900. Jgħid li mal-appellat kien tkellem biss biex iniżżillu l-prezz għax in-negozju kien sar ma' Mark Agius.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-appellat ħati mhux biss tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu, pero' kellha ssibu ħati wkoll tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni. Jisħaq li f'ċertu partijiet tas-sentenza li minnha sar dan l-appell, l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata ta' l-ipoteżi tal-liġi u

apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u għalhekk ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tirreleva li dan l-appell huwa wieħed dwar apprezzament tal-provi. Issa din il-Qorti qalet f'ħafna okkażjonijiet li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk din tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha legalment u raġonevolment.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[3]"

[3] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-**ewwel aggravju** tal-appellant Avukat Ġenerali huwa dwar l-ewwel (1) imputazzjoni *ossia* dik li temerġi minn Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li għandu x'jaqsam mal-assoċjazzjoni. Wara li l-Avukat Ġenerali jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti dwar dan ir-reat, huwa jgħid li mill-atti proċesswali jirriżulta ċar li l-assoċjat kien qiegħed Malta u għamel negozju ma' persuna ta' nisel barrani u jargumenta li l-appellat għamel żewġ vjaġġi bil-merkanzija skrataċ mill-Mosta għall-bitħa ta' Abela Brothers. Jgħid li Mark Agius ammetta u nstab ħati u meta xehed qal li l-appellat kien għarrfu li kellu xogħol ta' wieħed Khalil u staqsieh fejn seta' jeħodulu b'dan illi l-appellat ħa dan ix-xogħol għand il-burdnar. Jgħid li x-xogħol ta' Abela Brothers huwa tagħbija ta' *containers* u t-twassil tal-istess sax-xatt sabiex dan ikun trasferit fuq vapur b'destinazzjoni f'pajjiż ieħor. Jargumenta li dan biss huwa biżżejjed biex jipprova l-konsapevolezza ta' dan in-negozju kollu li kien orkestrat minn Malta biex jitwassal lejn il-Libja fi żmien gwerra qalila. Jgħid ukoll li Khalil ammetta r-reat ta' assoċjazzjoni u li fid-dawl ta' dan kollu ma kienx hemm dubju li kien hemm l-assoċjazzjoni bejn l-appellat, Agius u Khalil.

Illi l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellat hija dik li temerġi minn Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè ir-reat ta' assoċjazzjoni. Din il-Qorti diversament preseduta kienet spjegat l-isfond tal-introduzzjoni ta' Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Settembru 2018 fil-każ **Il-Pulizija vs. Ahmed El Fadali Enan** (Numru 296/2017) fejn il-Qorti siltet dan il-paragrafu mid-Dibattitu Parlamentari u qalet hekk:

> "Illi l-ħsieb tal-leġislatur wara l-introduzzjoni ta' din id-dispożizzjoni il-ġdida tal-ligi ġie mfisser hekk:

"B'din il-liġi qegħdin ukoll nintroduċu kunċett kompletament ġdid, ir-reat tal-konġura jew ta' l-assoċjazzjoni. ......għall-ewwel darba, il-fatt li wieħed jiftiehem biex jikkommetti reat se jkun meqjus bħala reat. Fil-fatt fil-*white paper* din il-klawsola kellha t-titlu ta' "konġura", liema titlu issa nbidel għal "assoċjazzjoni". Sal-lum il-liġi ma kenitx tqis il-konġura bħala reat ħlief f'każ ta' delitt kontra l-Istat, bħal fil-każ ta' tradiment ta' l-Istat jew kolp ta' stat. Iktar tard, il-konġura bdiet titqies bħala reat fil-każi ta' traffikar ta' droga. Jiġifieri l-konġura kienet aċċettata bħala reat f'dawn l-eċċezzjonijiet biss, Sur President.

Kif inhi l-liġi sal-lum, jekk żewġ persuni jiltaqgħu biex jiftiehmu dwar kif se jwettqu *hold-up* f'bank, jagħmlu pjan, iqassmu x-xogħol, jiftehmu bl-iktar mod ċar u dettaljat u jinqabdu mill-pulizija f'dak l-istadju – jiġifieri meta ma jkunu għadhom għamlu xejn ħlief li ftehmu – ma jiġux meqjusa bħala li wettqu reat. Jekk fil-pussess tagħhom jinstabu armi illegali, allura jitressqu l-qorti akkużati b'pussess ta' armi illegali pero' ma jitressqux għall-fatt li jkunu nqabdu jiftehmu biex iwettqu reat. Jekk pero' ikun hemm il-bidu ta' l-esekuzzjoni ta' l-att – per eżempju, il-kriminali jkunu f'vettura, waslu ħdejn il-bank, niżlu fuq il-bankina u lestew l-armi biex jidħlu – fejn allura l-intenzjoni ma baqgħetx biss ftehim fuq il-karta imma bdiet tiġi attwata, f'dak il-każ ikunu akkużati b'attentat ta' *hold-up* fuq bank. Pero' minkejja li l-kriminali jkunu ftehmu fid-dettal dwar ir-reat, il-fatti kollha preċedenti għall-attentat ma jiġux meqjusa bħala reat. Issa hekk kif dan l-abbozz ta' liġi jiġi fis-seħħ, il-konġura se tibda titqies bħala reat kriminali.

> Meta xi sura ta' azzjoni għat-twettiq ta' reat tkun ippjanata jew miftehma, dik se tibda titqies bħala reat. Dan dejjem jekk il-pulizija jkollha prova ċara li żewġ persuni jkunu ltaqgħu u ftehmu biex iwettqu reat, għax wieħed jista' faċilment jaqbad u jakkuża żewġ persuni bi ftehim dwar twettiq ta' reat meta dan ma jkunx minnu, Sur President.[4]""

Illi riferenza sejra ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kitanchev Blagoy Zhorov et** (Numru 331/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ir-reat tal-assoċjazzjoni, li huwa wieħed mill-atti preparatorji għar-rejat konsmat jew attentat u li għalhekk jista' jirriżulta indipendentement mill-kommissjoni tar-reat maħsub jew it-tentattiv tiegħu jirrikjedi l-konkorrenza ta' tlett elementi: il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar; l-intenzjoni li jsir ir-reat (speċifikat u mhux wieħed ġeneriku); u pjan ta' azzjoni miftiehem. Is-sejbien ta' ħtija o meno jitfa' oneru gravuż fuq il-Qorti biex tinterpreta miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-konkorrenza ta' dawn it-tlett elementi b'mod partikolari għaliex ma hemmx dik il-preżunzjoni feroċi kontra l-imputat bħala per eżempju fir-reat kontemplat fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9."

Illi fis-sentenza tagħha (*a fol.* 304 *et seq.*) l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. *Omissis* et** (Numru 14/2003). F'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "L-imħallef sedenti f'dik il-Qorti għamilha ċara daqs il-kristall, indipendentement mill-ħtija ta' xi wieħed mill-

[4] Seduta Numru 569 tad-Disa' Leġislatura tal-Parlament ta' Malta – Dibattitu tal-4 ta' Lulju 2001.

akkużati li seta' kien hemm għal dak li jirrigwarda it-tieni kap, il-ġurati kellhom jaraw jekk kienx hemm xi prova dwar ftehim (u ftehim li għall-anqas wassal għalbiex ikunu "kkumbinati jew mifthema l-mezzi ... li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu") li hu l-bażi tal-assoċjazzjoni:

> "Tridu tagħmlu d-domanda għal kull wieħed minnhom. Għandi l-prova li dan kien involut f'xi ftehim ma' ħaddieħor? Għandi l-prova li t-tieni wieħed kien involut f'xi ftehim ma' xi ħaddieħor? Hu min hu dak ix-xi ħadd ieħor. Jista' jkun ko-akkużat u jista' jkun barrani, jiġifieri estranju għal dawn il-proċeduri?" [...]"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) imsemmija ma kinitx instabet prova ta' tali ftehim u l-Ewwel Qorti mxiet ma' din is-sentenza. L-Avukat Ġenerali nsista li l-appellat għamel negozju ma' persuna ta' nisel barrani u li għamel żewġ vjaġġi bil-merkanzija għall-bitħa ta' Abela li jagħmlu xogħol ta' burdnara. L-Avukat Ġenerali jirreferi wkoll għall-ammissjoni ta' Khalil Harrus.

Illi minn naħa l-oħra Harrus meta xehed qal li mal-appellat tkellem biss dwar il-prezz għaliex in-negozju kien sar ma' Agius. Meta huwa xehed għamilha ċara li mal-appellat tkellem biss dwar l-iskrataċ u ma tkellimx dwar karti. Jispjega li dwar il-karti huwa kien tkellem ma' Mark Agius. Jekk Harrus ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, hu kien qed jammetti għalih u ma' min kien għamel l-assoċjazzjoni biex jitwasslu l-iskrataċ il-Libja. Jidher li n-negozju sar ma' Agius għax dan jirriżulta li kellu sehem importanti fin-negozju kollu.

Illi huwa minnu li l-iskrataċ wassalhom l-appellat iżda jidher li ma kienx bi ftehim espress sabiex jesportaw illegalment l-iskrataċ. Id-differenza fir-rwoli tirriżulta aktar ċara fid-depożizzjoni ta' Joseph Zammit (*a fol.* 159 *et seq.*) fejn jikkonferma li l-istruzzjonijiet irċevihom minn għand Mark Agius.

Illi għalkemm iċ-ċirkostanzi tal-bejgħ ta' tant skrataċ u tat-twassil tagħhom sa għand Abela jqanqlu suspett li l-appellat 'kien jaf' xi ħaġa, xorta jibqa' dak il-*lurking doubt* jekk hu jistax jinstab ħati ta' assoċjazzjoni skont Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-prova taħt dan l-artikolu xorta hija waħda iebsa u trid tkun *beyond a reasonable doubt*.

Illi huwa sinifikanti li meta l-burdnar Abela oġġezzjona għall-merkanzija li twasslitlu u hedded li jitfagħha barra, huwa qal li kien ser iċempel lill-Għawdxi. Kien l-istess Mark Agius li fittex burdnar ieħor – lil Zammit. Dan Zammit jgħid ukoll li kien Mark Agius li qallu biex imur jiġbor ix-xogħol minn għand Abela.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-ewwel (1) imputazzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u għalhekk qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-**<u>tieni aggravju</u>** tal-appellant Avukat Ġenerali jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellat. Jargumenta li f'dan il-każ fil-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li jawtorizza l-liċenzji tal-armi u li kien il-Kummissarju li imputa lill-appellat b'din l-imputazzjoni. Jisħaq hekk: *"Għaldaqstant huwa imperattiv illi l-akkuża tissussisti għaliex l-istess istituzzjoni illi hija kompetenti, l-istituzzjoni li mputat, hija dik kompetenti mil-liċenzjar tal-armi, għaliex l-uffiċjal investigattiv li mexxa l-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti huwa l-aqwa eżempju ta' rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll mix-xhieda jirriżulta li sija Agius kif ukoll Khalil ma kellomx il-liċenzja rikjesta mil-liġi u l-appellat ittrasferixxa l-munizzjoni xorta waħda"* (*a fol.* 376). Jargumenta li kellha tinstab ħtija fl-appellat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni u dan skont Artikolu 20 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni, fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti: *"Il-Prosekuzzjoni temmen li rriżulta mill-atti*

*li l-imputat ittrasferixxxa kwantita' ta' munizzjon lil persuni li ma kellhomx liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija għal dan il-għan. Dan ingħad fir-rigward ta' Mark Agius u Arrust [Harrus] pero' mill-atti proċesswali ma jirriżultax jekk in effetti dawn kellhomx liċenzja jew le u għalhekk dan ir-reat żgur li ma jistax jirriżulta"* (*a fol.* 363).

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jissottometti li ġialadarba l-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-istituzzjoni responsabbli li joħroġ il-liċenzji, allura żgur li hu jaf min għandu l-liċenzja jew le. Fis-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-Prosekuzzjoni ssottomettiet hekk: *"mhux ser noqgħod ninħeba wara subgħajja Sur Imħallef, illi li kieku l-Pulizija isfel għamlu numru ta' verifiki biex jittellgħu ċertu dokumenti speċifiċi forsi anke b'verifika dwar jekk il-persuna laqgħetx dawn l-iskrataċ kellhiex liċenzja jew le, forsi kien ikollna prova aktar ċara, kien ikollna prova forsi aħjar ukoll li rriżultat din l-imputazzjoni. Pero' fl-opinjoni tiegħi mill-kumpless kollu tal-provi, jekk persuna ma għandha xejn x'taħbi, għalfejn dan ħbiha? Għalfejn tostorha? Għalfejn burdnar iċempillek, jgħidlek "ħa nitfagħlek l-affarijiet barra" u int tibqa' tippersisti? Jiġifieri l-intenzjoni tal-appellant hija waħda li tmur id f'id ma' l-għarfien"* (*a fol.* 386). Il-Prosekuzzjoni mbagħad tissottometti li l-provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat tarf ma' tarf.

Illi din il-Qorti tinnota mal-ewwel li ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni li ġialadarba l-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-istituzzjoni responsabbli li joħroġ il-liċenzji, allura żgur li hu jaf min għandu l-liċenzja jew le. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan minħabba li jekk il-Prosekuzzjoni riedet tipprova n-negattiv, dan kellha tagħmlu billi taħt ġurament jiġi kkonfermat li għamlet ir-riċerka tagħha fir-*records* tagħha u li <u>mkien</u> ma sabet li l-persuni in kwistjoni kienu liċenzjati.

Illi meta din il-Qorti fliet l-atti proċesswali kollha l-unika ħaġa li b'xi mod jew ieħor setgħet torbot mat-tielet (3) imputazzjoni hija meta s-Supretendent Paul Vassallo għalaq id-depożizzjoni tiegħu billi qal hekk: *"Naf ukoll li Abela m'għandux liċenzja sabiex iżomm munizzjon"* (*a fol.* 183). Tenut kont ta' dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li b'dak li qal is-

Supretendent Vassallo biss saret il-prova neċessarja sabiex tiġi ppruvata t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellat.

Illi fid-dawl ta' nuqqas ta' prova konkreta u ċara u fid-dawl tal-prinċipju *quod non est in actis non est in mundo* b'hekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta lliberat lill-appellat mit-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant anke it-tieni (2) aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-**<u>tielet aggravju</u>** tal-appellant Avukat Ġenerali jirrigwarda l-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni. Jisħaq li skont il-każistika huwa prinċipju li meta xhud huwa indispensabbli u l-Prosekuzzjoni għamlet minn kollox biex tinnotifikah, l-Ewwel Qorti għandha tiddiferixxi l-kawża għal data oħra. Jgħid li hawn kienu jenħtieġu ittri rogatorji iżda l-konflitt fil-Libja għamel dan impossibbli u għalhekk il-Prosekuzzjoni kienet f'sitwazzjoni ta' impossibilita' mingħajr preċedent sabiex tipproduċi provi in atti mill-Jamaħirija Għarbija Libjana. Jgħid li l-Prosekuzzjoni kellha biżżejjed provi ċirksotanzjali sabiex jissodisfaw il-grad ta' prova rikjest mil-liġi u li dak li ġie prodott ma jmurx kontra Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 reż applikabbli bis-saħħa ta' Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumenta li mill-evidenza diretta jidher ċar li l-munizzjon kien intiż għal-Libja u li mill-evidenza ċirkostanzjali jidher ċar li l-esportazjoni ta' munizzjon fi kwantitajiet kbar ma kienx ser jintuża għal skopijiet rikreattivi iżda biex jintużaw fi gwerra.

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 274 *et seq.*) li l-Prosekuzzjoni ppreżentat quddiem l-Ewwel Qorti hija rriferiet għal Regolament 4(1) u 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 365.33 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-istess Nota ta' Sottomissjonijiet il-Prosekuzzjoni rrilevat li fir-rigward tal-ksur ta' Regolament 4(1) ġie ppruvat li l-appellat biegħ ammont kbir ta' munizzjon lil Harrus (persuna ta' nazzjonalita' Għarbija) u lanqas biss talab għal xi liċenzja minn għand il-klijent.

Illi minn naħa l-oħra, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha (*a fol.* 287 *et seq.*) ippreżentata quddiem l-Ewwel Qorti d-difiża ssottomettiet li jrid jirriżulta li dak in-negozju jista' jikkontribwixxi għall-vjolenza u għall-użu tal-forza kontra l-popolazzjoni ċivili. Id-difiża staqsiet: *"Jista' raġjonevolment jingħad b'xi mod li l-munizzjon użat għal għanijiet sportivi jista' jintuża b'forza kontra l-poplu ċivili?"* (*a fol.* 299). Tisħaq li barra dan irid jirriżulta definittivament li l-persuna nnegozjat ma' *""entitajiet inkorporati fil-Jamaħirija Għarbija Libjana u ma' persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq ordni tagħhom""* (*a fol.* 299). Tagħlaq billi tgħid li jrid ikun ukoll ippruvat li r-reċipjent tal-materjal ipprojbit kienet persuna li qed taġixxi fuq struzzjonijiet tal-Gvern Libjan.

Illi fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti rrilevat li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova dawn l-imputazzjonijiet u dan għaliex ma ppruvatx li l-appellat kien jaf li l-oġġetti kienu sejrin il-Libja. Tgħid li l-bejgħ sar b'mod leġittimu permezz tal-irċevuta tat-Taxxa fuq il-Valur Miżlud u li lanqas ma kienet ippruvata xi rabta bejn l-appellat, il-persuna li lilha biegħ l-iskrataċ u l-Jamaħirija Għarbija Libjana.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li permezz ta' Att Numru XX tal-2020 ġew imħassra, fost l-oħrajn, ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-Jamaħirija Għarbija Libjana (Leġislazzjoni Sussidjarja 365.33 tal-Liġijiet ta' Malta), din il-Qorti tinnota wkoll li eżaminat mhux biss in-Noti ta' Sottomissjonijiet li saru kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża qabel ma ngħatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti pero' eżaminat ukoll l-atti proċesswali kollha mill-ġdid dwar iż-żewġ imputazzjonijiet in eżami ħalli tara xi provi nġiebu fil-konfront tal-appellat. Wara li din il-Qorti għamlet dan l-eżerċizzju tinnota li ma sabet ebda prova ċara u inekwivoka tal-Prosekuzzjoni u li tissodisfa l-livell ta' prova, jiġifieri lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, dwar dawn iż-żewġ imputazzjonijiet b'dan illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward taż-żewġ imputazzjonijiet in kwistjoni. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju mressaq mill-appellant peress li l-Ewwel Qorti

kienet korretta meta lliberat lill-appellat mill-ħames (5) u mis-sitt (6) imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant Avukat Ġenerali iżda tilqa' t-talba tiegħu għall-konferma ta' ħtija fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u tal-multa nflitta mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ġie rilevat li l-imputazzjoni li l-appellat instab ħati tagħha ma rrikjeditx il-ħatra ta' esperti u li dawn ġew nominati minħabba l-imputazzjonijiet l-oħra li minnhom l-appellat ġie liberat u għaldaqstant ma laqgħetx it-talba tal-Prosekuzzjoni biex l-appellat iħallas l-ispejjeż tal-esperti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**